MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2060/2003

**Raymond Xerri**

**Vs**

**Marsa Football Club**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' Lm630.00c (sitt mija u tletin lira Maltin) rappresentanti prezz ta' servizz ta' trasport li sar lis-socjeta' konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-Nota ta' Ammissjoni ppresentata seduta stante llum.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u

jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm630.00c (sitt mija u tletin lira Maltin), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------